MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 1115/1999/1

**Fl-atti tal-kawza citazzjoni numru 2567/98 fl-ismijiet:**

**Alfred Debattista nomine**

**vs**

**Perit Frank Giordmaina Medici nomine**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta’ konvenuta fejn gie premess;

Illi permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 4579/96 mahrug fuq talba tal-attur nomine, liema mandat gie esegwit fis-27 ta’ Novembru, 1998, is-socjeta’ esponenti giet mizmuma milli tbiegh, titrasferixxi jew tiddisponi, jew taghmel kwalunkwe xogholijiet ta’ bini, jew b’xi mod iehor

timmolestja l-pussess tal-attur nomine fir-rigward tal-immobbli cioe' fir-rigward ta' porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli f'Birkirkara maghrufa bhala Tal-Mithna tal-kejl ta' cirka hamsin punt sitt metri kwadri (50.6m²) tmiss minn nofsinhar ma' Triq Bwieraq, mill-punent ma' beni tas-socjeta' Star Developments Limited u mill-ilvant ma' beni tas-successuri tal-attur nominee;

Illi s-socjeta' esponenti waqqfet ix-xogholijiet li hija kienet qieghda tezegwixxi in konformita' mal-imsemmi mandat liema waqfien qieghed jirrekalha danni konsiderevoli konsistenti f'telf potenzjali ta' qliegh, fil-hlas ta' imghaxijiet u spejjez ohra annessi max-xoghol in kwistjoini ghal tul il-procediment tal-kawza u dan partikolarment meta jigi tenut kont l-iskala tax-xoghol progettat mis-socjeta' esponenti ghall-liema xoghol kienu diga' gew ottjenuti l-permessi mehtiega tal-Awtorita' tal-Ippjanar;

Ghalhekk is-socjeta' esponenti qed tittlob li, ai termini tal-Artikolu 838A, tistabbilixxi zmien fejn l-attur nomine jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju;

Rat ir-risposta tal-attur fejn gie sottomess:-

Illi b'rikors datat 7 ta' Mejju 1999, is-socjeta' konvenuta talbet sabiex, ai termini tal-Artikolu 838A, l-istess Qorti tistabilixxi zmien ghall-ghoti ta' garanzija ghall-hlas ta' penali u fin-nuqqas li tnehhi l-mandat ta' inibizzjoni;

Illi biex tirnexxi t-talba tar-rikorrenti, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi tesisti kawza gusta ghall-gholi ta' tali garanzija;

Illi fil-kaz in ezami, il-hrug tal-istess mandat ma sarx fuq semplici dikjarazzjoni guramentata tal-attur, izda wara li l-Qorti inkarigat perit tekniku AIC Rene Buttigieg li wara li acceda fuq il-post, ezamina it-titoli u l-atti pubblici tal-kontendenti u zamm diversi seduti u wasal ghall-konkluzjoni li "jidher li prima facie" it-talba tar-rikorrent biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat biex ma

jigux ppregudikati l-interessi tal-istess rikorrent fir-rigward tal-art in kontestazzjoni ghandha tigi milqugha";.

Illi dawn l-istess konkluzjonijiet gew akkolti mill-Qorti;

Illi ghalhekk it-talba tal-attur mhix wahda frivola jew fqira fil-basi taghha, u konsegwentement ma tissustix dik il-kawza gusta ghall-imposizzjoni tar-rekwizit imsemmi fl-artikolu 838A tal-Kodici ta' Procedura;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 1999 minn fejn jirrizulta li l-partijiet ghamlu referenza ghall-atti tal-mandat numru 5479/96 u ddikjaraw li l-provi migbura fl-atti tal-imsemmi mandat ghandhom jitqiesu li ngabbru ukoll fil-prtesenti procedura;

Rat l-atti kollha tal-imsemmi mandat;

Rat li dan ir-rikors gie trattat flimkien mac-citazzjoni numru 2567/98 u inoltre kien qed jistenna l-esitu tal-istess citazzjoni numru 2567/98;

Rat l-atti kollha tac-citazzjoni numru 2567/98;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors;

Rat li r-rikors giet differit sabiex jinghata d-digriet finali;

Ikkonsidrat:

Illi kif gia gie rileavat dan ir-rikors gie trattat fl-imkien mac-citazzjoni numru 2567/98 u inoltre kien jiddependi fuq l-esitu tal-istess citazzjoni u difatti dan il-presenti rikors gie effettivament presentat fl-atti tal-imsemmija citazzjoni;

Ic-citazzjoni numru 2567/98 giet deciza illum stess u ghalhekk qed issir referenza specifika ghall-imsemmija sentenza. L-imsemmija kawza kienet fl-ismijiet "Alfred Debattista ghan-nom u fl-interess tal-assenti huh Joseph Mary Debattista u b'nota tal-5 ta' Mejju 2005 Joseph Mary Debattista assuma l-atti tal-kawza vs Perit Frank Giordmaina Medici ghan-nom u fl-interess tas-societa Star

Developments Limited.” F’dawn il-proceduri ukoll Joseph Mary Debattista assuma personalment l-atti ta dan ir-rikors u dan permezz ta’ nota tal-5 ta’ Mejju 2005;

Bl-imsemmija sentenza tal-lum stess gie deciz billi gew michuda l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta (rikorrenti f’dawn il-presenti proceduri) u billi gew akkolti t-talbiet kollha tal-attur Joseph Mary Debattista u b’hekk gie dikjarat li l-proprjeta’ in kwestjoni f’Birkirkara tappartjeni u hi proprjeta esklussiva tal-istess attur u inoltre l-mandat ta’ inibizzjoni, in kwestjoni f’dawn il-presenti proceduri (numru 4579/96), gie konfermat;

In vista tal-premess, peress li c-citazzjoni 2567/98 giet deciza u peress ukoll li fl-istess sentenza il-mandat ta’ inibizzjoni relattiv gie konfermat, mhux il-kaz li jigu esaminati ulterjorment it-talbiet f’dan ir-rikors u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi b’mod definittiv billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors;

Spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------